

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

*Kumitat għall-Affarijiet Legali  
Iċ-Chairperson*

1.4.2009

Is-Sinjura Angelika Niebler  
Chairperson  
Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija  
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar il-bażi legali of the proposal għal direttiva tal-Kunsill (EURATOM) li twaqqaf qafas Komunitarju dwar is-sikurezza nukleari

(COM(2008)0790 – C6-0026/2009 – 2008/0231(CNS))

Sinjura Chairperson,

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali, fuq inizjattiva tiegħu stess, iddeċieda li jittratta l-kwistjoni tal-bażi legali għall-proposta tal-Kummissjoni msemmija hawn fuq skont l-Artikolu 35(3) tar-Regoli ta' Proċedura.

Il-kumitat eżamina l-kwistjoni msemmija hawn fuq waqt il-laqgħa tat-31 ta' Marzu 2009.

Il-Kumitat għall-Industrija bħalissa qed jittratta l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li twaqqaf qafas Komunitarju dwar is-sikurezza nukleari, li r-rapporteur tagħha hu is-Sur Hökmark. Il-Kumitat għall-Ambjent ta opinjoni (rapporteur: Is-Sa Harms). Fl-abbozz ta' opinjoni tagħha s-Sa Harms issuġġeriet li tizzied il-bażi legali tal-Artikolu 175(1) tat-Trattat KE mal-bażijiet legali eżistenti tal-Artikoli 31 u 32 tat-Trattat EURATOM.

***Sfond għal-leġiżlazzjoni proposta***

Din hi t-tielet darba f'għaxar snin li wieħed prova jintroduċi regoli ġodda dwar is-sikurezza nukleari (iż-żewġ proposti preċedenti tal-2002 u l-2003 ġew irtirati).

L-għan tal-proposta tal-2002 kien “ *id-definizzjoni tal-obbligi bażiċi u tal-prinċipji ġenerali dwar is-sikurezza tal-installazzjonijiet nukleari*” li “*fi stadju aktar tard, se tkun ikkumplimentata mill-istabbiliment ta' standards komuni u mekkaniżmi ta' kontroll sabiex ikun iggarantit livell għoli ta' sikurezza (...)*” Fir-reviżjonijiet tal-2003 r-reqwiżit għall-introduzzjoni ta' obbligi bażiċi u standards komuni tneħħa u kien sostitwit mill-mekkaniżmi tal-Komunità għall-iżgurar tal-konformità mal-prinċipji ta' sikurezza nukleari komuni, inkluża, b'mod partikulari, skema Komunitarja ta' verifika. F'din il-proposta tal-aħħar mhumieq previsti mekkaniżmi ta' dan it-tip, u mhu se jkun hemm ebda verifika Komunitarja. Minflok, l-abbozz ta' direttiva se jsaħħaħ biss ir-reqwiżiti tal-Konvenzjoni dwar is-Sikurezza Nukleari (CNS) tal-Aġenzija Internazzjonali dwar l-Enerġija Atomika.

Il-bażi legali proposta mill-Kummissjoni hija l-Artikoli 31 u 32 tat-Trattat EURATOM. Il-kwistjoni tqum dwar jekk għandux jiddied l-Artikolu 175(1) tat-Trattat KE, u b'hekk jingħata l-benefiċċju tal-proċedura ta' kodeċiżjoni lill-Parlament. Fl-alternattiva, ġie argumentat ukoll li l-Artikolu 203 tat-Trattat EURATOM għandu jintuża flimkien mal-Artikoli 31 u 32 jew minflokhom sabiex jiġu koperti l-aspetti teknoloġiċi tas-sikurezza nukleari u l-aspetti ambjentali.

### ***Il-bażijiet legali li qed jiġu kkunsidrati***

Għal skopijiet ta' konvenjenza, id-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattat qed jiddaħħlu hawn taħt.

#### *Artikolu 31 tat-Trattat EURATOM*

*Il-Kummissjoni għandha tipprepara n-normi bażiċi wara li tiegħu l-opinjoni ta' grupp ta' l-awtoritajiet maħtura mill-Kumitat Xjentifiku u Tekniku minn fost l-esperti xjentifiċi, speċjalment esperti tas-saħħa pubblika, mill-Istati Membri. l-Kummissjoni għandha titlob l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali dwar in-normi bażiċi hekk imħejjija. Wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew, il-Kunsill li jaġixxi permezz ta' vot b' maġġoranza kkwalifikata, fuq proposta mill-Kummissjoni li titrażmetti l-opinjoni ta' tkun irċeviet mill-Kumitati, għandha tistabbilixxi n-normi bażiċi.*

#### *Artikolu 32 tat-Trattat EURATOM*

*Fuq talba tal-Kummissjoni jew ta' Stat Membru, in-normi bażiċi jistgħu jiġu riveduti jew issupplimentati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 31.*

*Il-Kummissjoni tkun marbuta li teżamina talba bħal din magħmula minn Stat Membru.*

Il-frażi “normi bażiċi” hija definita fl-Artikolu 30 tat-Trattat EURATOM kif ġej:

#### *Artikolu 30 tat-Trattat EURATOM*

*Għandhom ikunu stabbiliti fil-Komunità normi bażiċi għall-protezzjoni tas-saħħa tal-*

*ħaddiema u tal-pubbliku ġenerali kontra l-perikoli li jinħolqu minn radjazzjoni jonizzanti.*

*Il-frażi “normi bażiċi” għandha tfisser::*

- a. id-dożi massimi kompatibbli ma' sigurtà adegwata;*
- b. il-grad massimu permissibli ta' l-esposizzjoni u kontaminazzjoni; u*
- c. il-prinċipji fundamentali li jirregolaw is-superviżjoni medika tal-ħaddiema.*

Ta' min jinnota li dawn id-dispożizzjonijiet jinsabu fil-Kapitolu 3 tat-Titolu II tat-Trattat EURATOM, *Protezzjoni tas-Saħħa*.

Ġie suġġerit li l-Artikolu 175(1) KE jiżdied bħala bażi legali:

#### *Artikolu 175(1)*

*1. Il-Kunsill, li jaġixxi skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 251 u wara li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni, għandu jiddeċiedi dwar liema azzjoni għandha tittieħed mill-Komunità sabiex jintlaħqu l-oġettivi msemmija fl-Artikolu 174.*

L-Artikolu 174, li għalih jirreferi l-Artikolu 175(1), jgħid hekk:

#### *Artikolu 174*

*1. Il-politika tal-Komunità dwar l-ambjent għandha tikkontribwixxi sabiex jintlaħqu dawn il-miri li ġejjin:*

- is-salvagwardja, il-ħarsien u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent,*
- il-ħarsien tas-saħħa tal-bniedem;*
- l-użu għaqli u razzjonali tar-riżorsi naturali;*
- il-promozzjoni ta' miżuri flivell internazzjonali li jittrattaw problemi ambjentali kemm reġjonali kif ukoll globali.*

*2. Il-Politika Komunitarja dwar l-ambjent għandu jkollha l-mira ta' protezzjoni ta' livell għoli li tiegħu kont tad-diversità tas-sitwazzjonijiet fid-diversi reġjuni tal-Komunità. Għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipju ta' prekawzjoni u fuq il-prinċipji li azzjoni preventiva għandha tittieħed, li l-ħsara lill-ambjent għandha, bħala prijorità, tissewwa f'ras il-għajn u li min iniġġeż għandu jħallas.*

*F'dan il-kuntest, il-miżuri ta' armonizzazzjoni li jirrispondu għall-ħtiġiet ta' protezzjoni ambjentali għandhom jinkludu, fejn xieraq, klawżola ta' salvagwardja li tippermetti lill-Istati Membri li jieħdu miżuri proviżorji għal raġunijiet ambjentali nonekonomiċi, suġġett għall-proċedura ta' spezzjoni mill-Komunità.*

*3. Fil-preparazzjoni tagħha tal-politika dwar l-ambjent, il-Komunità għandha tiegħu in konsiderazzjoni:*

- dati xjentifiċi u tekniċi eżistenti;*
- il-kundizzjonijiet ambjentali fir-reġjuni differenti tal-Komunità;*

– il-vantaġġi u l-piżijiet li jistgħu jirriżultaw minn azzjoni jew nuqqas ta' azzjoni;  
– l-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-Komunità in ġenerali u l-iżvilupp bilanċjat tar-reġjuni tagħha.

4. Fil-qafas tal-isferi ta' kompetenza rispettiva tagħhom, il-Komunità u l-Istati Membri għandhom jikkoperaw ma' pajjiżi terzi u mal-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti. L-arranġamenti dwar il-kooperazzjoni tal-Komunità jistgħu jkunu s-suġġett ta' akkordju bejn il-Komunità u t-terzi involuti, li għandhom ikunu negozjati u konklużi skont l-Artikolu 300.

Is-subparagrafu preċedenti m'għandux jippreġudika l-kompetenza tal-Istati Membri li jinnegozjaw f'korpi internazzjonali u li jikkonkludu ftehim internazzjonali.

#### Artikolu 203 tat-Trattat EURATOM

Jekk ikun jidher meħtieġ li l-Komunità tiegħu azzjoni biex jintlaħaq xi wieħed mill-għanijiet tal-Komunità, u jekk dan it-Trattat ma jkunx ipprovda għal xi setgħa t'azzjoni hekk meħtieġa għal dan il-għan, il-Kunsill, b'vot unanimu fuq proposta mill-Kummissjoni, u wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew, għandu jieħu l-passi xierqa.

#### **Bażijiet għall-analiżi**

Hu importanti li wieħed jiċċara għaliex l-għażla tal-bażi legali hija importanti. Min-naħa l-oħra, bħal ma l-Qorti tal-Ġustizzja nnotat, din l-għażla hija ta' "sinifikat kostituzzjonali"<sup>1</sup> għaliex il-Komunità hija regolata mill-prinċipju tal-għoti tal-kompetenzi. Fi kliem ieħor, dan ifisser li l-Komunità tista' taġixxi biss meta t-Trattati li fuqhom hija bbażata jagħtuha s-setgħa li tagħmel dan. Min-naħa l-oħra, hemm il-problema ta' meta ma jkunx hemm bażi legali kapaċi li tkopri l-azzjoni tal-Komunità (fejn m'hemmx biżżejjed kompetenza) jew fejn il-bdil tal-bażi legali jwassal għal bidla fil-proċedura għall-adozzjoni. Eżempju elokwenti jista' jinstab fl-Opinjoni tal-Avukat Ġenerali Jacobs fil-Kawża C-314/99 *il-Pajjiżi l-Baxxi v. il-Kummissjoni*<sup>2</sup> tal-Komunitajiet Ewropej, fejn il-bidla fil-bażi legali kienet tfisser li l-att kien ikollu jkun adottat bl-użu ta' proċedura differenti minn dak li biha ġie fil-fatt adottat.

F'dak il-każ, hekk kif is-Servizz Legali tal-Parlament innota wkoll fil-Kawża *British American Tobacco*<sup>3</sup>, żball li jikkonċerna l-bażi legali huwa aktar minn sempliċiment difett formali meta jista' jagħti lok għall-irregolarità fil-proċedura applikabbli għall-adozzjoni tal-att u jista' jirriżulta fl-annulament tiegħu, ladarba dan huwa parti mis-sustanza tiegħu u ma jibqax konformi mal-liġi.

Għal dawn ir-raġunijiet l-Qorti tal-Ġustizzja stabbiliet sensiela konsistenti ta' kriterji li wieħed għandu jżomm f'moħħu meta jqis kemm hi xierqa bażi legali partikolari:

(1) L-għażla tal-bażi legali għal miżura għandha taqa' fuq fatturi objettivi li jista' jkollhom reviżjoni ġudizzjarja.

<sup>1</sup> Opinjoni Nru 2/00 tas-6 ta' Diċembru 2001 dwar il-Protokoll ta' Cartagna [2001] ECR I-9713.

<sup>2</sup> [2002] ECR I-5521.

<sup>3</sup> Kawża C-491/2001 *The Queen v Secretary of State for Health, ex parte British American Tobacco (Investments) Ltd and Imperial Tobacco Ltd* [2002] ECR I-11453.

(2) Dawk il-fatturi jinkludu b'mod partikolari l-għan u l-kontenut tal-miżura.

(3) Il-fatt li istituzzjoni tkun tixtieq tipparteċipa aktar bis-sħiħ fl-adozzjoni ta' miżura partikolari, ix-xogħol li jkun sar f'aspetti oħra fl-isfera tal-azzjoni koperta mill-miżura u l-kuntest li fih il-miżura kienet adottata huma irrelevanti<sup>1</sup>.

Sabiex jiġu analizzati l-għan u l-kontenut tal-miżuri proposti, huwa neċessarju li tiġi eżaminata l-proposta oriġinali tal-Kummissjoni, b'kunsiderazzjoni tal-emendi proposti fil-kumitat prinċipali u fl-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent.

### ***L-għan u l-kontenut tal-leġiżlazzjoni proposta***

Skont il-memorandum ta' spjegazzjoni għall-proposta tal-Kummissjoni<sup>2</sup>, l-għan u l-kontenut tal-proposta għal direttiva huwa dawn li ġejjin:

“L-abbozz tad-Direttiva attwali li twaqqaf qafas Komunitarju għas-Sikurezza Nukleari għandu l-għan li jibda mill-ġdid il-proċess tat-twaqqif ta' qafas tal-UE komuni għas-sikurezza nukleari, billi jaġġorna u jibdel il-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva tal-Kunsill (Euratom) li tistabbilixxi obbligi bażiċi u prinċipji ġenerali dwar is-sikurezza tal-installazzjonijiet nukleari<sup>3</sup>, inklużi fil-Pakkett ta' Sikurezza Nukleari.

L-interess mill-ġdid li ntwera fl-enerġija nukleari minn għadd ta' Stati Membri, bl-għan ta' diversi estensjonijiet tat-tul tal-ħajja u ta' bini ta' impjanti ġodda, jagħmel iż-żmien ta' din il-proposta riveduta partikolarment xieraq. Hu ċar li l-effetti tal-inċidenti radjoloġiċi ma jiqfux fil-fruntieri, b'konsegwenzi possibbli mhux biss għas-saħħa tal-ħaddiema u taċ-ċittadini, iżda wkoll implikazzjonijiet ekonomiċi kbar għall-industrija tal-ġenerazzjoni tal-enerġija. L-adozzjoni f'leġiżlazzjoni Komunitarja vinkolanti ta' prinċipji tas-sikurezza nukleari li jkunu aċċettati internazzjonalment tiżgura livell addizzjonali ta' garanzija għall-biċċa l-kbira tal-pubbliku tal-UE, billi din tipprovdi ċ-ċertezza legali.

*(omissis)*

L-approċċ bażiku tagħha hu li sett ta' prinċipji komuni fil-qasam tas-sikurezza nukleari, diġà inklużi fis-CNS, ikunu regolati fil-livell tal-Komunità, supplimentati b'rekwiżiti addizzjonali tas-sikurezza għal reatturi tal-enerġija nukleari ġodda, li l-Istati Membri jiġu mħeġġin biex jiżviluppaw f'konsistenza mal-prinċipju tat-titjib kontinwu tas-sikurezza, abbażi tal-livelli ta' sikurezza żviluppati mill-WENRA u b'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Grupp ta' Livell Għoli dwar is-Sikurezza Nukleari u l-Ġestjoni tal-Iskart (HLG). Abbażi tal-għaxar prinċipji għar-regolamentazzjoni tas-sikurezza nukleari li adotta, il-grupp għandu jsir il-punt fokali għall-kooperazzjoni bejn il-korpi regolatorji responsabbli għas-sikurezza tal-installazzjonijiet nukleari fl-Istati Membri u għandu jikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-qafas tas-sikurezza nukleari tal-Komunità.

<sup>1</sup> Il-Kawża C-269/97 *Il-Kummissjoni v il-Kunsill* [2000] ECR I-2257, paragrafi 43 u 44.

<sup>2</sup> COM(2008) 790 finali.

<sup>3</sup> COM(2003)32 finali u COM(2004)526 finali

l-għan ġenerali tal-proposta hu li tikseb, iżżomm u ssaħħaħ kontinwament is-sikurezza nukleari fil-Komunità u li ttejjeb ir-rwol tal-korpi regolatorji. L-ambitu tal-applikazzjoni tagħha huwa d-disinn, il-lokazzjoni, il-kostruzzjoni, il-manutenzjoni, it-tħaddim u ż-żarmar ta' installazzjonijiet nukleari, li għalihom il-kunsiderazzjoni tas-sikurezza hi meħtieġa taħt il-qafas leġislattiv u regolatorju tal-Istat Membru kkonċernat. Id-dritt ta' kull Stat Membru biex jiddeċiedi jekk jużax l-enerġija nukleari huwa rikonoxxut u mħares għal kollox.

Permezz ta' dan il-qafas Komunitarju għas-sikurezza nukleari, hu previst li se jintlaħqu diversi għanijiet operazzjonali, jiġifieri t-titjib tar-rwol tar-regolaturi nazzjonali, ir-responsabbiltà ewlenija għas-sikurezza ta' min ikollu l-liċenzja taħt il-kontroll tal-korp regolatorju, sabiex jiżviluppaw regoli Ewropej fil-qasam tas-sikurezza nukleari, it-tisħiħ tal-indipendenza tal-korp regolatorju, jiġi żgurati livell għoli ta' trasparenza fi kwistjonijiet relatati mas-sikurezza tal-installazzjonijiet nukleari, l-implimentazzjoni ta' sistemi ta' ġestjoni, is-sorveljanza regolari tas-sikurezza, id-disponibbiltà ta' għarfien esperti dwar is-sikurezza nukleari, il-prijorità għas-sikurezza.”

#### *It-termini ta' promulgazzjoni u l-premessi tad-direttiva proposta*

F'din it-taqsimha se tinġibed l-attenzjoni lejn kwalunkwe dispożizzjonijiet li speċifikament jirreferu għall-aspetti ambjentali.

L-Artikolu 1 jistipula l-oġettiv u l-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva, b'mod partikolari “li tikseb, iżżomm u ssaħħaħ kontinwament is-sikurezza nukleari fil-Komunità u li ttejjeb ir-rwol tal-korpi regolatorji nazzjonali”. Din “għandha tapplika għad-disinn, il-lokazzjoni, il-kostruzzjoni, il-manutenzjoni, it-tħaddim u ż-żarmar ta' installazzjonijiet nukleari, li għalihom il-kunsiderazzjoni tas-sikurezza hi meħtieġa taħt il-qafas leġislattiv u regolatorju tal-Istat Membru kkonċernat”. Id-direttiva għandha tkun bla ħsara għad-Direttiva tal-Kunsill 96/29/Euratom tat-13 ta' Mejju 1996 li tistabbilixxi standards tas-sikurezza bażiċi għall-protezzjoni tas-saħħa tal-ħaddiema u l-pubbliku ġenerali kontra l-perikli li joħroġu mir-radjazzjoni jonizzanti<sup>1</sup>, li, kif l-premessa 3 tagħmilha ċara, tistabbilixxi l-istandards bażiċi tas-sikurezza. Dan l-artikolu jistqarr ukoll li kull Stat Membru biex jiddeċiedi jekk joperax il-programm nukleari ċivili tiegħu jew le.

L-Artikolu 2 jistipula d-definizzjonijiet. Tinġibed l-attenzjoni lejn il-fatt li dan jiddefinixxi “sikurezza nukleari” bħala “l-ksib, permezz ta' miżuri meħuda bit-tir tal-prevenzjoni ta' aċċidenti jew tat-tnaqqis ta' konsegwenzi tal-aċċidenti, ta' kundizzjonijiet ta' tħaddim xieraq li jirriżultaw fi protezzjoni tal-ħaddiema, tal-pubbliku u **tal-ilma, arja u ħamrija** minn perikli tar-radjazzjoni eċċessivi li joħroġu minn installazzjonijiet nukleari” (l-enfasi miżjuda).

L-Artikolu 3 jipprevedi li r-responsabbiltà ewlenija għas-sikurezza tal-installazzjonijiet nukleari hija ta' min ikollu l-liċenzja u li l-Isatti membri għandhom jistabbilixxu u jżommu qafas leġislattiv u regolatorju (rekwiżiti nazzjonali ta' sikurezza, sistema ta' għoti ta' liċenzji u kontroll u sistema ta' superviżjoni regolatorja).

L-Artikolu 4 jitratta l-korpi regolatorji (b'indipendenza, awtorità, kompetenza u fondi suffiċjenti u persunal), li għandhom jagħtu liċenzji u jkollhom funzjonijiet ta' monitoraġġ. Il-korpi regolatorji u s-sistemi regolatorji nazzjonali huma suġġetti għal reviżjoni minn esperti

---

<sup>1</sup> ĠU L 159, 29.6.1996, p. 1.

internazzjonali kull għaxar snin.

L-Artikolu 5 jitratta t-trasparenza (informazzjoni pubblika).

L-Artikolu 6 jipprevedi li l-Istati Membri għandhom josservaw il-prinċipji fundamentali tas-sikurezza tal-IAEA sabiex jassiguraw “livell għoli ta’ sikurezza fl-installazzjonijiet nukleari, li jinkludu inter alia arranġamenti effettivi kontra l-perikli radjoloġiċi possibbli, il-prevenzjoni u r-reazzjoni għal-aċċidenti, il-ġestjoni tal-qdim tal-impjant, il-ġestjoni fuq perjodu taż-żmien twil tal-materjali kollha radjuattivi prodotti u informazzjoni dwar il-popolazzjoni u l-awtoritajiet tal-Istati tal-madwar”. Dawn għandhom ukoll jiżviluppaw rekwiżiti addizzjoni ta’ sikurezza fuq il-bażi tar-rekwiżiti ta’ sikurezza żviluppata mill-WENRA.

L-Artikolu 7 jistipula l-obbligi ta’ min għandu l-liċenzja u l-Artikolu 8 jitratta s-superviżjoni.

L-Artikolu 9 jipprovdi għall-edukazzjoni u t-taħriġ.

L-Artikolu 10 jiddikkjara li l-Istati Membri jistgħu jistabilixxu miżuri ta’ sikurezza aktar stretti.

L-Artikoli 11, 12, 13 u 14 jitrattaw rispettivament ir-rappurtar, it-traspożizzjoni, id-dħul fis-seħħ u l-indirizzati tad-direttiva.

Il-preambolu għad-direttiva ma fih ebda referenza speċifika għall-protezzjoni tal-ambjent, għalkemm il-premessa 5 tirreferi għal difiżi effettivi kontra riskji radjoloġiċi u aċċidenti li jistgħu jħallu konsegwenzi radjoloġiċi, li tista’ tinftiehem li tkopri t-theddid għall-ambjent. Il-premessi li jibqgħu jiġġustifikaw id-dispożizzjonijiet tat-termini ta’ promulgazzjoni, filwaqt li jirreferu għall-Artikolu 2(b) tat-Trattat EURATOM (skont liema l-Komunità għandha tistabilixxi standards ta’ sikurezza uniformi li jipproteġu s-saħħa tal-ħaddiema u tal-pubbliku b’mod ġenerali u għandha tiżgura li dawn jiġu applikati) u għall-Artikolu 30 (ikkwotat hawn fuq). Il-bażi prinċipali għad-direttiva hija stipulata fil-premessa 5: “Minkejja li s-sistema tal-protezzjoni mir-radjazzjoni stabbilita mill-istandards bażiċi fis-seħħ, ibbażata fuq l-għarfien xjentifiku attwali, tiżgura livell għoli ta’ protezzjoni għas-saħħa tal-popolazzjoni, din is-sistema għandha tiġi ssupplimentata sabiex tiżgura li jinżamm, jiġi żviluppat u mtejjeb kontinwament livell għoli ta’ sikurezza fl-installazzjonijiet nukleari. Iż-żamma ta’ livell għoli ta’ sikurezza, mill-fażi tad-disinn sa dik taż-żarmar, hija kundizzjoni sine qua non meħtieġa biex jintlaħqu l-għanijiet tal-protezzjoni tas-saħħa kif stabbilit fl-Artikolu 2(b) tat-Trattat. Għal dan il-għan, għandhom jinżammu difiżi effettivi kontra riskji radjoloġiċi flimkien mal-prevenzjoni ta’ aċċidenti li jistgħu jħallu konsegwenzi radjoloġiċi.”

Il-bidla prinċipali proposta fl-abbozz ta’ rapport tal-Kumitat għall-Industrija (PRz764148MT.doc; rapporteur: Gunnar Hökmark) hija li jiżded anness li jistipula l-prinċipji fundamentali rilevanti tal-IAEA “li kien abbozzat mill-ġdid biex id-dispożizzjonijiet tiegħu jkunu adattati għall-obbligi tal-Istati Membri” minħabba r-raġuni li “dawn ma jistgħux jidħlu fil-liġi tal-Komunità billi ssir sempliċi referenza f’din id-Direttiva għall-IAEA Safety Standards, Serje Nru SF-1 (2006).” (L-emenda 1 għall-premessa 10). Ta’ min jinnota li dawn il-prinċipji spiss jirriflettu tħassib dwar il-protezzjoni tal-ambjent, pereżempju: kontroll sikur tal-iskart radjuattiv kollu, ġestjoni tal-iskart radjuattiv, ġestjoni tar-riskju radjutattiv (espressi f’termini ġenerali, b’kunsiderazzjoni tal-fatturi ambjentali, il-protezzjoni tal-

ġenerazzjonijiet tal-preżent u tal-futur - in-nies u l-ambjent, l-effetti dannużi għall-ambjent, eċċ.). B'mod iktar speċifiki, il-prinċipju 8 għandu passaġġ twil fuq l-ambjent li ta' min jiġi kwotat *in extenso*: “Billi l-effetti tal-espożizzjoni għar-radjazzjoni fuq is-saħħa tal-bniedem huma mifhuma relattivament tajjeb, għalkemm b'inċertezzi, l-effetti tar-radjazzjoni fuq l-ambjent ġew investigati b'inqas reqqa. Is-sistema preżenti tal-ħarsien mir-radjazzjoni tipprovdi ħarsien xieraq tal-ekosistemi fl-ambjent tal-bniedem kontra l-effetti ta' ħsara tal-espożizzjoni għar-radjazzjoni. L-intenzjoni ġenerali tal-miżuri meħuda għall-għanijiet tal-ħarsien ambjentali kienet li l-ekosistemi jitħarsu kontra l-espożizzjoni tar-radjazzjoni li jkollha konsegwenti ta' ħsara għall-popolazzjonijiet ta' xi speċi (bħala ħaġa distinta minn organiżmi individwali).”

L-ebda waħda mill-emendi l-oħra li jinsabu fl-abbozz ta' rapport tal-Kumitat għall-Industrija m'għandha referenza diretta għall-protezzjoni tal-ambjent fiha nnifisha. L-istess huwa veru għall-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent (AD/775321EN.doc); rapporteur: Rebecca Harms).

Minn din l-analiżi jidher li ċ-ċentru tal-gravità tad-direttiva proposta hija s-sikurezza nukleari b'mod ġenerali, peress li l-għan tagħha hu li tissupplimenta l-istandards bażiċi stipulati fid-Direttiva tal-Kunsill 96/29/Euratom sabiex ikun żgurat li jinżamm, jiġi żviluppat u jittejjeb b'mod kontinwu livell għoli ta' sikurezza tal-istallazzjonijiet nukleari. Mir-referenza espliċita fl-Artikolu 2 għall-ambjent u l-ekosistemi fl-anness propost mill-Kumitat għall-Industrija jidher ċar li, għall-iskopijiet tad-direttiva, is-sikurezza nukleari għandha tinftiehem ukoll fit-termini tal-protezzjoni tal-ambjen u mhux biss fit-termini tal-protezzjoni tas-saħħa tal-ħaddiema u tal-pubbliku ġenerali. Minkejja dan, madankollu, l-ikbar piż tal-istrument huwa li jissupplimenta s-sistema eżistenti tal-istandards ta' radjazzjoni stipulati mid-Direttiva 96/29/Euratom li tistabbilixxi standards bażiċi ta' sigurtà għall-ħarsien tas-saħħa tal-ħaddiema u l-pubbliku ġenerali kontra l-perikli li jiġu minn radjazzjoni jonizzanti u l-ebda waħda mid-dispożizzjonijiet stipulati fid-direttiva proposta m'hi mfassla biex titratta speċifikament il-protezzjoni kontra theddid għall-ambjent. Filfatt, id-direttiva proposta (inkluż l-anness propost) kull ma tagħmel hu li titlob lill-Istati Membri biex josservaw il-prinċipji tal-IAEA mingħajr ma tispeċifika kif dawn għandhom jagħmlu dan f'termini tekniċi u li tistabbilixxi r-responsabilitajiet u l-ħidmiet ta' min għandu l-liċenzja u tar-regolaturi. Ma fiha ebda dispożizzjoni dwar l-aspetti teknoloġiċi tas-sikurezza nukleari. L-użu tat-terminu “prinċipji” juri dan kollu.

Madankollu, minkejja dan, jekk il-Kummissjoni, pereżempju, kellha tiżviluppa l-prinċipju 8 f'leġislazzjoni speċifika marbuta mal-protezzjoni tal-ekosistemi fl-ambjent uman kontra l-effetti dannużi tal-esponiment għar-radjazzjoni, ikun hemm f'it dubju li l-bażi legali xierqa tkun l-Artikolu 175(1) tat-Trattat KE.

### ***Il-bażi legali xierqa***

Il-Kummissjoni tiġġustifika l-għażla tagħha tal-bażi legali kif ġej:

“Il-bażi legali għal din il-proposta hi l-Artikolu 31 tat-Trattat Euratom, b'rabta mal-Artikolu 32 tiegħu. L-Artikolu 31 jiddefinixxi l-proċedura għall-adozzjoni tal-istandards tas-sikurezza bażiċi provduti fl-Artikolu 30 għall-ħarsien tas-saħħa tal-ħaddiema u l-pubbliku ġenerali kontra l-perikli li joħorġu mir-radjazzjoni jonizzanti. L-Artikolu 32 b'mod espliċitu jiddikjara li l-istandards bażiċi jistgħu jiġu ssupplimentati skont il-proċedura stabbilita fl-



Artikolu 31.”<sup>1</sup>

Id-dubji li ġejjin tqajmu minn diversi Membri dwar il-bażi legali proposta.

L-Artikolu 31 tat-Trattat EURATOM għandu jinsab fil-Kapitolu 3, bl-isem “Protezzjoni tas-Saħħa”. Barra minn hekk, il-preambolu tal-EURATOM jispeċifika li l-Istati firmatarji huma “anzjużi li jistabilixxu kundizzjonijiet ta’ sigurtà li jeliminaw il-periklu għall-ħajja u s-saħħa tal-poplu”.

Jiġi speċifikat li n-nomri li għandhom jiġu adottati skont din id-dispożizzjoni huma marbuta mal-“-protezzjoni tas-saħħa tal-ħaddiema u tal-pubbliku ġenerali kontra l-perikoli li jinħolqu minn radjazzjoni jonizzanti” (Artikolu 30). Filfatt, l-Artikolu 30 jistabbilixxi biss il-bażi għal sistema ta’ protezzjoni mir-radjazzjoni billi jiddefinixxi d-dożi u l-livelli massimi permessa ta’ esponiment u ta’ kontaminazzjoni. Jiġi stipulat ukoll li mis-sentenza fil-Kawża C-29/99 *Il-Kummissjoni v. il-Kunsill [2002] ECR I-11221* jidher li l-Istati Membri għandhom il-kompetenza esklussiva fuq l-aspetti teknoloġiċi tas-sikurezza nukleari. Madankollu, il-proposta u, iktar u iktar, is-suġġerimenti tar-Rapporteur (l-anness li jkopri l-prinċipji ta’ sikurezza) ikopru l-aspetti teknoloġiċi tas-sikurezza nukleari, li, jingħad, tmur lil hinn mil-limiti tal-kompetenza tal-Komunità skont il-Trattat EURATOM.

Barra minn hekk, l-Artikolu 2(2) tal-proposta fih definizzjoni ġdida ta’ “sikurezza nukleari”. Skont din id-dispożizzjoni l-ġdida, “sikurezza nukleari”, jiġifieri s-suġġett tad-direttiva, hija definita permezz tar-referenza għall-“protezzjoni tal-ħaddiema, tal-pubbliku u tal-ilma, arja u ħamrija minn perikli tar-radjazzjoni eċċessivi li joħorġu minn installazzjonijiet nukleari”. Madankollu l-protezzjoni tal-ambjent mhix koperta mill-Artikolu 31 tat-Trattat EURATOM. L-arja, l-ilma u l-ħamrija jissemew fl-Artikoli 37 u 38 tat-Trattat EURATOM imma dawk id-dispożizzjonijiet ma jipprovdu l-ebda bażi legali għall-adozzjoni ta’ miżuri leġiżlattivi, sempliċiment għall-ġbir tad-data jew għal rakkomandazzjonijiet.

Minflok, wieħed jargumenta li l-protezzjoni tal-ambjent hija kompetenza (maqsuma) tal-Komunità Ewropea skont l-Artikolu 175 tat-Trattat KE u, għalhekk, dik id-dispożizzjoni għandha tintuża bħala bażi legali addizzjonali. Għall-kuntrarju tal-Artikolu 31 tat-Trattat EURATOM, li sempliċiment jipprovdi għal konsulta tal-Parlament Ewropew, l-Artikolu 175 tat-Trattat KE jirrikjedi l-kodeċizzjoni.

F’dan ir-rigward qed jiġi osservat li l-proposta m’għadhiex tirrikjedi rrapurtar regolari lill-Parlament Ewropew dwar l-istatus tal-applikazzjoni tad-direttiva u s-sikurezza nukleari fil-KE (għall-kuntrarju taż-żewġ proposti preċedenti).

Ta’ min jinnota li d-direttivi li jirregolaw (ukoll) l-installazzjonijiet nukleari diġà huma bbażati fuq it-Trattat KE, filwaqt li l-eżempju l-iktar prominenti hija d-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE dwar l-istima tal-effetti ta’ ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent. Dan kien ibbażat esklussivament fuq it-Trattat KE, u b’mod iktar partikolari, id-dispożizzjoni dwar il-protezzjoni tal-ambjent.

Jiġi argumentat li, bħala alternattiva u bħala l-aħħar għażla, il-bażi legali normali tal-Artikolu

---

<sup>1</sup> Memorandum ta’ spjegazzjoni, paġna 3.2.

203 tat-Trattat EURATOM għandha tintuża (jew esklussivament jew bħala t-tieni bażi legali) biex tkopri l-aspetti teknoloġiċi u ambjentali msemmija hawn fuq.

### *Evalwazzjoni*

Il-Kummissjoni tqis li minkejja li s-sistema tal-protezzjoni mir-radżazzjoni stabbilita mill-istandards bażiċi fis-seħħ tiżgura livell għoli ta' protezzjoni għas-saħħa tal-popolazzjoni, din is-sistema għandha tiġi s-supplimentata sabiex tiżgura li jinżamm, jiġi żviluppat u mtejjeb kontinwament livell għoli ta' sikurezza fl-installazzjonijiet nukleari. Għal din ir-raġuni issa qed tissottometti din il-proposta leġiżlattivi skont l-Artikoli 31 u 32 tat-Trattat EURATOM.

Għalkemm it-Trattat EURATOM ma fih ebda bażi legali espliċita dwar is-sikurezza nukleari, il-Qorti tal-Ġustizzja f'diversi każi (Kawża 187/87 *Saarland u Öhrajn* [1988] ECR 5013; Kawża C-70/88 *Il-Parlament v. il-Kunsill* [1991] ECR I-4529 u Kawża C-29/99 *Il-Parlament v. il-Kunsill* [2002] ECR I-11221) saħqet li mhux xieraq li, sabiex jiġu definiti l-kompetenzi tal-Komunità, issir distinzjoni artifiċjali bejn il-protezzjoni tas-saħħa tal-pubbliku b'mod ġenerali u s-sikurezza ta' sorsi ta' radżazzjoni jonizzata u li, għalhekk, il-Komunità għandha l-kompetenza leġiżlattiva biex tistabbilixxi, għall-iskopijiet tal-protezzjoni tas-saħħa, sistema ta' awtorizzazzjoni li għandha tiġi applikata mill-Istati Membri.

Għalhekk, fid-dawl ta' analiżi dettaljata tal-għan u l-kontenut tad-direttiva proposta, hu meqjus li l-analiżi tas-Servizz Legali li l-Artikoli 31 u 32 tat-Trattat EURATOM jikkostitwixxu bażi legali xierqa u li mhemmx bżonn li wieħed jirrikorri għall-Artikolu 203 tat-Trattat EURATOM hija korretta. Din il-pożizzjoni mhix mibdula bl-introduzzjoni ta' anness li fih prinċipji ta' sikurezza, peress li dan ma jbidilx is-suġġett tal-istrument propost.

Madankollu, il-pożizzjoni tinbidel jekk il-Kummissjoni, pereżempju, kellha tiżviluppa l-prinċipju 8 f'leġiżlazzjoni speċifika marbuta mal-protezzjoni tal-ekosistemi fl-ambjent uman kontra l-effetti dannużi tal-esponiment għar-radżazzjoni, meta jkun hemm ftit dubju li l-bażi legali xierqa tkun l-Artikolu 175(1) tat-Trattat KE.

Is-Servizz Legali jidhirlu li, jekk ikun ikkonfermat definittivament, in-nuqqas tal-Kummissjoni li tikseb opinjoni ġdida dwar l-istandards bażiċi minn grupp ta' persuni maħtura mill-Kumitat Xjentifiku u Tekniku qabel ma tippreżenta l-proposta l-ġdida tagħha jikkostitwixxi ksur ta' rekwiżit proċedurali essenzjali li, skont l-Artikolu 230 (it-tieni subparagrafu) tat-Trattat KE, jikkostitwixxi raġuni biex l-att adottat hekk jiġi revedut. Din il-pożizzjoni tidher korretta f'għajnejn il-liġi. Huwa rakkomandat li l-kumitat responsabbli jikkjarifika din il-kwistjoni għas-sodisfazzjon sħiħ tiegħu mal-Kummissjoni.

### **Għeluq**

Matul il-laqgħa tiegħu tal-31 ta' Marzu 2009, filwaqt li nnota li n-nuqqas tal-Kummissjoni li tikseb opinjoni ġdida dwar l-istandards bażiċi minn grupp ta' persuni maħtura mill-Kumitat Xjentifiku u Tekniku qabel ma tippreżenta l-proposta l-ġdida tagħha jikkostitwixxi ksur ta' rekwiżit proċedurali essenzjali li, skont l-Artikolu 230 (it-tieni subparagrafu) tat-Trattat KE, jikkostitwixxi raġuni biex l-att adottat hekk jiġi revedut, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali

għaldaqstant iddeċieda, b'13-il vot favur, 6 voti kontra u l-ebda astensjoni<sup>1</sup>, li jirrakkomanda li l-bażi legali xierqa hija l-Artikoli 31 u 32 tat-Trattat Euratom.

Dejjem tiegħek,

Giuseppe Gargani

---

<sup>1</sup> Dawn kienu preżenti għall-votazzjoni finali: Giuseppe Gargani (Chairperson), Rainer Wieland (Viċi Chairperson), Lidia Joanna Geringer de Oedenberg (Viċi Chairperson), Francesco Enrico Speroni (Viċi Chairperson), Monica Frassoni (rapporteur), Carlo Casini, Bert Doorn, Nicole Fontaine, Neena Gill, Klaus-Heiner Lehne, Véronique Mathieu, Hans-Peter Mayer, Manuel Medina Ortega, Hartmut Nassauer, Aloyzas Sakalas, Eva-Riitta Siitonen, Jacques Toubon, Diana Wallis, Jaroslav Zvěřina, Tadeusz Zwiefka.